

## Domanda preliminari

L-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobblu residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (l') għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippordvi li fil-każ li l-mutwatarju jeżerċita d-dritt tiegħu li jirimborsa integralment jew parjalment l-ammont ta' kreditu qabel l-iskadenza tat-terminu previst, l-interessi dovuti mill-mutwatarju u l-ispejjeż li huma dipendenti fuq it-tul tal-ftehim jitnaqqsu proporzjonalment, mingħajr ma hemm regola simili fir-rigward tal-ispejjeż li ma humiex dipendenti fuq tali tul?

(l') ĠU 2014, L 60, p. 34, rettifika fil-ĠU 2015, L 246, p. 11

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofijski gradski sad (il-Bulgarija) fl-20 ta' Settembru 2021 – LM u NO vs HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung AG

(Kawża C-577/21)

(2021/C 513/29)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### Qorti tar-rinviju

Sofijski gradski sad

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: LM u NO

Konvenut: HUK-COBURG-Allgemeine Versicherung AG

### Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur (it-Tieni Direttiva dwar il-vetturi bil-mutur) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3) jipprekludi li l-kunċett ta' "danni fizċi" jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-ugħiġ u t-tbatija moral ta' minuri li jirriżultaw mill-mewt tal-ġenitut tiegħu minħabba inċident tat-traffiku fil-każ biss li dan l-ugħiġ u din it-tbatija jkunu kkawżaw dannu patoloġiku fuq is-saħħa tal-minuri?
- 2) Il-prinċipju li l-qorti nazzjonali għandha tinterpreta d-dritt nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jaapplika meta l-qorti nazzjonali ma tkunx qiegħda tapplika d-dritt nazzjonali tagħha iżda d-dritt nazzjonali ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Nürnberg (il-Ġermanja) fit-28 ta' Settembru 2021 – A vs Finanzamt M

(Kawża C-596/21)

(2021/C 513/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Nürnberg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: A

Konvenut: Finanzamt M

### Domandi preliminari (l')

- 1) It-tieni xerrej ta' beni jista' jiġi rrifjutat it-tnaqqis tal-VAT fir-rigward tax-xiri abbażi tal-fatt li kellu jkollu għarfien li l-bejjiegħ oriġinali kien evada l-VAT fl-ewwel bejgħ, minkejja li l-ewwel xerrej ukoll kellu għarfien li l-bejjiegħ oriġinali kien evada l-VAT fl-ewwel bejgħ?

- 2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, ir-rifut tad-dritt għal tnaqqis fir-rigward tat-tieni xernej huwa limitat għall-ammont tad-dannu fiskali kkawżat mill-evażjoni?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, id-dannu fiskali kkawżat mill-evażjoni huwa kkalkolat
- b'paragun bejn it-taxxa legalment dovuta fil-katina ta' provvista u t-taxxa effettivament stabbilita, jew
  - b'paragun bejn it-taxxa legalment dovuta fil-katina ta' provvista u t-taxxa effettivament imħallsa, jew
  - c. b'liema mod ieħor?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifikasi fil-ĠU L 335, 20.12.2007, p. 60).

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2021 mill-Unie van Professionele Transporteurs en Logistieke Ondernemers (UPTR) mid-digriet mogħi mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) fit-28 ta' Lulju 2021 fil-Kawża T-634/20, UPTR vs Il-Parlament u Il-Kunsill**

**(Kawża C-603/21 P)**

(2021/C 513/31)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

**Appellant:** Unie van Professionele Transporteurs en Logistieke Ondernemers (UPTR) (rappreżentant: F. Vanden Bogaerde, advocaat)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- L-ewwel kap tat-talbiet: tiddikjara l-appell ammissibbli;
- It-tieni kap tat-talbiet: tannulla l-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (<sup>1</sup>) (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-ġħan li jiġu adattati għall-iż-żviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq. Dan fuq il-bażi tal-Artikolu 263 tal-verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq il-bażi tal-aggravji miġbura fil-qasir iktar 'il quddiem;
- It-tielet kap tat-talbiet: tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

**L-ewwel aggravju: l-ammissibbiltà tar-rikors inizjali**

Il-membri tal-appellantanti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ma tistax issir interpretazzjoni limitattiva tal-kunċett ta' "incidenta diretta u individwali" f'dan il-każ, fid-dawl tal-kuntest kriminali/ta' sanzjoni speċifiku li fih il-membri tal-appellantanti ma għandhomx dritt suġġettiv u minħabba dan ma għandhomx aċċess dirett għall-qrat.

Huwa diffiċli li jitqies li teżisti protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk il-membri tal-appellantanti huma meħtieġa li jidħlu f'sitwazzjoni illegali, sabiex sussegwentement jiddependu minn organi ta' kontroll li għandu jkollhom il-possibbiltà li jwettqu prosekuzzjoni jew li jimponu sanzjoni, mingħajr ma dan ikun obbligu. Minbarra dan, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma hijiex iggarantita, peress li qorti nazzjonali mhux dejjem hija obbligata li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

**It-tieni aggravju: ksur tas-suq uniku**

L-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandu bħala għan l-istabbiliment ta' suq intern Ewropew. Dan is-suq intern Ewropew jitwettaq, fost oħrajn, permezz tal-prinċipju tal-moviment liberu tas-servizzi.